

21999D0729(06)

29.7.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 197/57

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 105/98****tat-30 ta' Ottubru ta' l-1998****li jemenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif irranġat mill-Protokoll li jirranġa l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsemmi bħala "il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 96/98 tal-25 ta' Settembru 1998 ⁽¹⁾;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 98/20/KE tat-30 ta' Marzu ta' l-1998 li jemenda d- Direttiva 92/14/KEE dwar il-limitazzjoni tat-tħaddim ta' l-ajruplani kopert minn Parti II, Kapitolu 2, Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988) ⁽²⁾ għandha tiġi mdaħħla fil-Ftehim;

Billi l-adattamenti għad-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE ⁽³⁾ għandhom jitneħħew bħala konsegwenza ta' l-adeżjoni ta' l-Awstrija fl-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

It-test tal-punt 32d ta' l-Anness XX tal-Ftehim għandu jinbidel f'dan li ġej:

"**392 L 0014:** Id-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE tat-2 ta' Marzu ta' l-1992 dwar il-limitazzjoni tat-tħaddim ta' l-ajruplani kopert minn Parti II, Kapitolu 2, Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988) (ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 21), kif kkoreġuta minn ĠU L 168, tat-23.6.1992, p. 30:

– **398 L 0020:** Id-Direttiva tal-Kunsill 98/20/KE tat-30 ta' Marzu ta' l-2002 (ĠU L 107, tas-07.04.1998, p. 4)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva tal-Kunsill 98/20/KE fl-ilsien Islandiż u Norveġiż, li huma annessi mal-verżjonijiet ta' l-ilsna rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Ottubru 1998, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ingħataw lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmul fi Brussel, 30 Ottubru ta' l-1998.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

N. v. LIECHTENSTEIN

⁽¹⁾ ĠU L 189, tat-22.7.1999, p. 70.

⁽²⁾ ĠU L 107, tas-7.4.1998, p. 4.

⁽³⁾ ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 21.